

Brussell, 28 ta' Mejju 2021  
(OR. en)

9052/21

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0353(COD)**

---

---

ENV 333  
ENT 91  
MI 380  
IND 155  
ENER 249  
CODEC 748

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13944/20 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020 - Rapport ta' progress

---

Bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Ministri għall-Ambjent tal-10 ta' Ġunju 2021, id-delegazzjonijiet isibu mehmuż rapport ta' progress imħejji mill-Presidenza.

**Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020**

**Rapport ta' progress**

**Kunsill Ambjent 10 ta' Ġunju 2021**

**I. INTRODUZZJONI**

Fl-10 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, bil-ħsieb li tissostitwixxi d-Direttiva attwali dwar il-Batteriji. Il-proposta għandha l-għan li timmodernizza l-qafas leġislattiv tal-UE għall-batteriji, fil-kuntest ta' domanda akbar għall-iżvilupp u l-produzzjoni tal-batteriji.

Il-proposta tal-Kummissjoni hija msejsa fuq l-Artikolu 114 TFUE.

Il-Kummissjoni tidentifika bħala l-oġġettivi ewlenin tal-proposta: it-tiġid tal-funzjonament tas-suq intern; il-promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari; u t-tnaqqis tal-impatti ambjentali u soċjali tul l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-batterija.

Hija parti integrali mir-risultati tanġibbli tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tibni fuq l-inizjattivi tal-Kummissjoni bħall-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku dwar il-Batteriji, il-Pjan ta' Azzjoni ġdid għal Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija Industrijali l-ġdida għall-Ewropa u l-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti. Il-proposta ssegwi wkoll l-evalwazzjoni tad-Direttiva attwali dwar il-Batteriji, ippubblikata f'April 2019. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tipproponi Regolament uniku li jkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-batteriji u li jstabbilixxi:

- Rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza, bħal regoli dwar l-impronta tal-karbonju, il-kontenut minimu riċiklat, kriterji tal-prestazzjoni u tad-durabbiltà, u parametri tas-sikurezza;
- Rekwiżiti ta' tikkettar u informazzjoni, bħall-ħżin ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, u data dwar l-istat tas-saħħa u t-tul tal-ħajja mistennija ta' batterija;

- Dispożizzjonijiet dwar l-immaniġġar ta' tmiem il-ħajja, bħal rekwiżiti dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur, l-organizzazzjoni u l-miri għall-ġbir tal-iskart ta' batteriji, l-effiċjenza tar-riċiklaġġ u l-irkupru ta' materjali;
- L-obbligi tal-operaturi ekonomiċi rigward l-infurzar tar-rekwiżiti ta' prodott u l-iskemi ta' diliġenza dovuta;
- Sistema elettronika għall-iskambju ta' informazzjoni u l-ħolqien tal-passaport tal-batteriji;
- Akkwist pubbliku ekoloġiku obligatorju;
- Dispożizzjonijiet oħra li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-infurzar, ir-regoli dwar il-valutazzjoni tal-konformità, in-notifika tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, is-sorveljanza tas-suq u l-istrumenti ekonomiċi.

Ir-Regolament propost huwa magħmul minn 79 Artikolu, 14-il Anness u jipprevedi aktar minn 30 att ta' leġislazzjoni sekondarja.

Fil-Parlament Ewropew, wara deċiżjoni mill-Konferenza tal-Presidenti fid-29 ta' April 2021, il-kumitat responsabbli għall-proposta huwa l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI), bil-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) u l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) bħala Kumitati assoċjati, f'konformità mal-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, u bil-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) jipprovdi opinjoni. Il-Parlament Ewropew huwa mistenni jivvota dwar il-pożizzjoni tiegħu matul is-sessjoni plenarja ta' Frar 2022.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020<sup>1</sup>, "Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku", il-Kunsill laqa' "l-proposta tal-Kummissjoni għal qafas regolatorju ġdid għall-batteriji li għandha l-għan li tiżgura katina tal-valur sikura, ċirkolari u sostenibbli għall-batteriji kollha u li ser tintroduċi miżuri għaż-żamma tal-valur u l-ottimizzazzjoni mid-disinn u l-produzzjoni permezz tal-użu u tal-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ u li tinċentiva, fejn xieraq, l-użu ta' batteriji rikarikabbli".

---

<sup>1</sup> Id-dokument 14167/2020

## II. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

Il-proposta qed tiġi eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE). Hija ġiet ippreżentata taħt il-Presidenza Ġermaniża, fil-vidjokonferenza informali tad-WPE fl-14 ta' Diċembru 2020. Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll il-proposta tagħha fil-Kunsill Ambjent tas-17 ta' Diċembru 2020.

Matul il-Presidenza Portugiża, id-WPE ddedika s'issa 19-il vidjokonferenza għall-proposta. Fit-13 ta' Jannar 2021 il-proposta ġiet ippreżentata wkoll lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Industrija).

Il-Valutazzjoni tal-Impatt ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni u diskussa fil-vidjokonferenza tad-WPE fis-7-8 ta' Jannar 2021. F'dik l-okkażjoni, l-analiżi tal-proposta bdiet bil-Kapitolu II dwar Rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza (Artikoli 6 sa 12, Annessi I sa V u d-definizzjonijiet rilevanti) li kompli jiġi diskuss fil-laqgħa tat-18-19 ta' Jannar 2021, kif ukoll bl-Artikolu 71 dwar il-Proċedura għall-emendar tar-restrizzjonijiet dwar is-sustanzi perikolużi, minħabba r-rilevanza tiegħu għall-kapitolu.

Il-Kapitolu III dwar ir-Rekwiżiti ta' tikkettar u ta' informazzjoni (Artikoli 13, 14 u Annessi VI u VII u d-definizzjonijiet rilevanti) ġie indirizzat ukoll fid-19 ta' Jannar 2021.

Id-WPE analizza l-Kapitolu VII dwar l-Immaniġġar ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji (Artikoli 46 sa 63, Annessi XI, XII u d-definizzjonijiet rilevanti) fil-laqgħat tat-2, 12, 15 u 19 ta' Frar 2021.

Fit-2 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni infurmat ukoll lid-WPE dwar il-ħidma li għaddejja fuq ir-Regolament Tekniku Globali tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi.

Id-dispożizzjonijiet dwar id-Diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista (Artikoli 39, 72 u Anness X) ġew diskussi fid-19 ta' Frar u l-1 ta' Marzu 2021.

Fl-1 ta' Marzu 2021, id-WPE indirizza wkoll il-bażi legali tal-proposta u l-limitu ta' kapaċità ta' 2 KWh għar-rekwiżiti applikabbli għall-batteriji ta' vetturi elettriċi u l-batteriji industrijali rikarikabbli b'memorja interna, abbażi tad-dokumenti informali pprovduti mill-Kummissjoni. L-akkwist pubbliku ekoloġiku (Artikolu 70) ġie diskuss ukoll.

Fil-15 ta' Marzu 2021, id-WPE indirizza l-Kapitolu VIII dwar l-Iskambju elettroniku tal-informazzjoni (Artikoli 64, 65 u Anness XIII).

Il-Kapitolu IV dwar il-Konformità tal-batteriji (Artikoli 15 sa 20, Annessi VIII u IX) u l-Kapitolu V dwar in-Notifika tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità (Artikoli 21 sa 37) u d-definizzjonijiet rilevanti ġew diskussi fit-22 ta' Marzu 2021.

Fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Marzu 2021, id-WPE kkunsidra l-Kapitolu VI dwar l-Obbligi tal-operaturi ekonomiċi minbarra l-obbligi fil-Kapitolu VII (Artikoli 38 sa 45, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 39 diskuss preċedentement), il-Kapitolu IX dwar is-Sorveljanza tas-suq tal-Unjoni, il-kontroll tal-batteriji li jidħlu fis-suq tal-Unjoni u l-proċeduri ta' salvagwardja tal-Unjoni (Artikoli 66 sa 69) u l-Kapitolu XII dwar l-Emendi (Artikolu 75).

Fit-13 ta' April 2021, id-WPE kkonkluda l-ewwel qari tal-Artikoli billi indirizza l-Kapitolu I dwar id-Dispożizzjonijiet Ġenerali (Artikoli 1 sa 5) u l-Kapitolu XIII dwar id-Dispożizzjonijiet Finali (Artikoli 76 sa 79).

Il-Presidenza kkunsidrat li jkun prematur li jiġu indirizzati l-premessi qabel ma jiġu diskussi l-proposti ta' abbozzar dwar l-Artikoli.

Fil-Vidjokonferenza informali tal-Ministri għall-Ambjent fit-18 ta' Marzu 2021 sar dibattitu ta' orjentazzjoni dwar ir-Regolament propost bil-għan li tinkiseb gwida politika dwar it-triq 'il quddiem għan-negozjati. Id-dibattitu ffoka fuq il-bażi legali u l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza, id-dispożizzjonijiet dwar id-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista u l-immaniġġar ta' tmiem il-ħajja.

Wara l-konklużjoni tal-ewwel qari tal-Artikoli, diskussjonijiet ulterjuri ġew iggwidati minn dak iż-żmien 'l hawn minn dokumenti informali tal-Presidenza li jirriflettu l-gwida politika pprovduta mill-Ministri, id-diskussjonijiet li saru s'issa u kummenti komplementari bil-miktub addizzjonali mill-Istati Membri. Fid-dokumenti informali tagħha, il-Presidenza mmirat li tiġbor fil-qosor il-kwistjonijiet ewlenin imqajma mill-Istati Membri, tippreżenta proposti alternattivi fejn adatt fl-istadju tad-diskussjoni u tidentifika mistoqsijiet dwar kwistjonijiet li jeħtieġu feedback addizzjonali mill-Istati Membri. L-Istati Membri għalhekk ġew mistiedna jagħtu tweġiba dwar il-proposti li saru u/jew jippreżentaw proposti konkreti ta' abbozzar għall-kwistjonijiet identifikati fid-dokumenti informali u għal kwistjonijiet oħra li huma jikkunsidraw meħtieġa li jindirizzaw.

Il-Presidenza għażlet li tiffoka fuq il-Kapitolu II dwar ir-Rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza u fuq il-Kapitolu VII dwar l-Immaniġġar ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji, peress li fihom dispożizzjonijiet ewlenin tal-proposta għal Regolament.

Żewġ laqgħat tad-WPE ġew iddedikati għad-dokument informali tal-Presidenza dwar il-Kapitolu II<sup>2</sup> (l-20 u l-21 ta' April 2021). Fil-21 ta' April 2021, id-WPE indirizza wkoll approċċ trażversali possibbli għall-batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief.

Id-dokument informali tal-Presidenza dwar il-Kapitolu VII<sup>3</sup> ġie diskuss f'ħames laqgħat tad-WPE (is-27 u t-28 ta' April, is-6, 11 u 20 ta' Mejju 2021).

Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Mejju 2021, id-WPE kompli jiddiskuti l-Kapitolu VII, bi preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-rabtiet bejn l-Artikolu 8a tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD) u d-dispożizzjonijiet proposti dwar ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (EPR) taħt ir-Regolament propost. Il-Presidenza biħsiebha terġa' lura għal dan is-suġġett f'Ġunju, kif ukoll li jkollha diskussjoni dwar l-għoti ta' skop ġdid u l-manifattura mill-ġdid ta' batteriji, sabiex jinkiseb feedback konkret mill-Istati Membri dwar il-passi 'l quddiem possibbli. F'Ġunju wkoll, il-Kummissjoni mistennija tippreżenta lid-WPE l-istudju taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka dwar batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief u s-Servizz Legali tal-Kunsill jista' jippreżenta l-opinjoni tiegħu dwar il-bażi legali tal-proposta.

Minbarra l-preżentazzjonijiet estensivi li saru fid-WPE, il-Kummissjoni ppreżentat dokumenti informali dwar il-bażi legali, l-għażla tal-istrument legali u l-marġni ta' manuvra għall-Istati Membri fil-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar il-batteriji<sup>4</sup> u dwar il-limitu ta' kapaċità ta' 2 kWh<sup>5</sup>. Il-Kummissjoni pprovdi ukoll tabella ta' korrelazzjoni tar-rekwiżiti tal-EPR fl-Artikolu 8a tal-obbligi tad-WFD u l-EPR skont id-Direttiva dwar il-Batteriji u l-Proposta għal Regolament dwar il-Batteriji<sup>6</sup>, u hija mistennija li taqsam dokument informali dwar l-għoti ta' skop ġdid u l-manifattura mill-ġdid ta' batteriji fid-dawl tad-diskussjonijiet tad-WPE f'Ġunju.

L-Istati Membri indikaw riżervi ta' skrutinju dwar il-proposta kollha jew partijiet minnha u enfasizzaw il-ħtieġa li jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom bejn diversi entitajiet responsabbli għall-kwistjonijiet irregolati mill-proposta. L-Istati Membri talbu wkoll l-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar il-bażi legali tal-proposta.

---

<sup>2</sup> Id-dokument 4964/2021

<sup>3</sup> Id-dokument 5372/2021

<sup>4</sup> Id-dokument 635/2021 REV 1

<sup>5</sup> Id-dokument 2440/2021

<sup>6</sup> Id-dokument 6858/2021

Matul id-diskussjonijiet, il-Presidenza fittxet li ttiprovdi lill-Istati Membri bl-opportunità li jiksbu kjarifiki dettaljati mill-Kummissjoni dwar il-firxa sħiħa tal-proposta, minħabba l-kumplessità teknika, in-natura innovattiva u l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tagħha. L-analiżi bir-reqqa tal-proposta matul il-laqgħat ta' kull ġimgħa u l-kummenti ta' segwitu mibgħuta mill-Istati Membri ppermettew li jiġu identifikati l-kwistjonijiet ewlenin ta' tħassib f'kull kapitolu tar-Regolament propost. Barra minn hekk, id-diskussjoni dettaljata addizzjonali dwar il-Kapitolu II dwar ir-Rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza u dwar il-Kapitolu VII dwar l-Immaniġġar ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji rriżultat fl-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet li jenħtieġ jiġu indirizzati u tal-passi 'l quddiem possibbli.

### **III. KONTENUT TAD-DISKUSSJONIJIET LI SARU**

Fl-okkażjoni tal-Vidjokonferenza informali tal-Ministri għall-Ambjent fit-18 ta' Marzu 2021, l-Istati Membri laqgħu l-proposta għal Regolament il-batteriji u l-iskart ta' batteriji. Il-Ministri enfasizzaw in-natura innovattiva u ambizzjuża tal-proposta u l-importanza li l-UE jkollha qafas legali validu għall-futur dwar il-batteriji, sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-oġġettivi ta' dekarbonizzazzjoni, filwaqt li tiġi żgurata wkoll is-sostenibbiltà tal-batteriji matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

Filwaqt li enfasizzaw l-importanza li jkun hemm suq intern għall-batteriji li jiffunzjona tajjeb, il-Ministri esprimew interess fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jkun hemm bażi legali doppja (suq intern u ambjent), b'kont meħud tal-oġġettivi ambjentali segwiti bir-Regolament propost.

Rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, diversi delegazzjonijiet appellaw biex jiġi antiċipat l-istabbiliment ta' mira ta' ġbir għall-batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief. B'rabta mar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza u d-dispożizzjonijiet dwar id-diliġenza dovuta, xi delegazzjonijiet, filwaqt li rrikonoxxew l-importanza tagħhom, esprimew tħassib dwar il-ħinijiet u l-metodoloġiji proposti mill-Kummissjoni u l-piż amministrattiv possibbli. Rigward l-immaniġġar ta' tmiem il-ħajja, diversi delegazzjonijiet esprimew dubji dwar il-fattibbiltà li jintlaħqu l-miri fl-iskeda ta' żmien proposta.

Id-diskussjonijiet fid-WPE ppermettew li l-proposta tiġi analizzata fid-dettall u li jiġu identifikati għadd ta' kwistjonijiet li jenħtieġ jiġu indirizzati bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' approċċ ġenerali. **Il-Presidenza tenfasizza li l-kwistjonijiet li ġejjin huma ta' importanza partikolari, mingħajr preġudizzju għal punti oħra ta' interess ta' natura aktar teknika u kontributi ulterjuri minn Stati Membri individwali:**

#### **Bażi legali**

Għadd kbir ta' Stati Membri esprimew dubji dwar l-għażla tal-Kummissjoni ta' bażi legali unika fuq l-Artikolu 114 TFUE u talbu l-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar il-kwistjoni. L-Istati Membri esprimew interess li jesploraw il-possibbiltà ta' bażi legali doppja biż-żieda tal-Artikolu 192 TFUE, peress li qiesu li t-tħassib ambjentali huwa wkoll fil-qalba tal-proposta. Ir-referenza għall-Artikolu 114 TFUE ġiet iddubitata b'mod partikolari fir-rigward tal-Kapitolu VII dwar l-immaniġġar ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji. Ġie enfasizzat li d-Direttiva attwali dwar il-Batteriji hija bbażata fuq bażi legali doppja, bl-artikoli ekwivalenti għall-Artikoli 192 u 114 TFUE.

### **Dispożizzjonijiet ġenerali (Kapitolu I)**

Fir-rigward tad-**Definizzjonijiet (Artikolu 2)**, l-Istati Membri talbu li dawn jiġu allinjati kemm jista' jkun possibbli mad-definizzjonijiet użati fil-leġiżlazzjoni rilevanti diġà eżistenti. Xi Stati Membri esprimew dubji dwar ir-raġuni għall-identifikazzjoni tal-limitu minimu ta' 5 kg fid-definizzjoni ta' batterija portabbli. L-Istati Membri esprimew appoġġ għall-bidliet proposti mill-Presidenza għad-definizzjonijiet li jmiss: batterija b'memorja interna (6); sustanzi perikolużi (41); produttur (37); organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi (39); riċiklatur (46); it-tħassir ta' "livell ta' riċiklaġġ" (48); ikun hemm "rappreżentant awtorizzat" (53) distint f'dak li jikkonċerna l-Kapitolu VII. Barra minn hekk, l-Istati Membri qiesu li kien meħtieġ li tiġi introdotta definizzjoni għal "manifattura mill-ġdid".

Xi Stati Membri talbu l-estensjoni tal-iskadenza għan-notifika lill-Kummissjoni dwar l-**Awtorità Kompetenti (Artikolu 5)**.

Minħabba n-natura trażversali tiegħu, ġie ddubitat ukoll il-**limitu ta' kapaċità ta' 2 KWh** għar-rekwiżiti applikabbli għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u għall-batteriji industrijali rikarikabbli b'memorja interna. Il-Kummissjoni ppreżentat dokument informali<sup>7</sup> li jiġġustifika d-deċiżjoni abbażi tal-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji ppreżentata fil-valutazzjoni tal-impatt.

---

<sup>7</sup> Id-dokument 2440/2021

Fir-rigward tal-approċċ għall-**batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief**, il-Presidenza staqsiet lill-Istati Membri jekk referenza għall-kategoriji ta' vetturi koperti bir-Regolament (UE) Nru 168/2013 ikollhiex mertu; Madankollu, l-Istati Membri ħassew li approċċ bħal dan ma jippermettix li jiġu koperti l-kategoriji kollha ta' batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief. Il-Kummissjoni rrapportat li talbet liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) biex iħejji rapport dwar il-batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief. Ir-rapport tal-JRC huwa mistenni li jippermetti l-introduzzjoni ta' kategorija "intermedja" ġdida ta' batteriji għal mezzi ta' trasport ħfief, kif ukoll limiti ta' kapaċità u ta' piż infurmati aħjar bejn il-batteriji portabbli u dawk ta' mezzi ta' trasport ħfief u bejn il-batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief u dawk tal-vetturi elettriċi. Huwa mistenni li s-suġġett jingħata aktar kunsiderazzjoni ladarba d-dokument jiġi ppreżentat lid-WPE.

### **Rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza (Kapitolu II u Artikolu 71)**

L-Istati Membri esprimew dubji dwar il-ħtieġa u l-valur miżjud ta' dispożizzjonijiet speċifiċi ġodda dwar ir-**restrizzjonijiet ta' sustanzi perikolużi fir-rigward ta' batteriji (Artikolu 6, Anness I u Artikolu 71)**, meta jitqiesu l-proċeduri eżistenti skont ir-Regolament REACH. L-Istati Membri esprimew tħassib dwar id-duplikazzjoni tal-leġislazzjoni u l-istrutturi eżistenti. L-Istati Membri rrifjutaw ukoll in-nuqqas tal-possibbiltà li tinbeda l-proċedura kif previst fl-Artikolu 71, ħaġa li għalhekk hija differenti mill-proċedura stabbilita skont ir-Regolament REACH. Issemmiet ukoll l-importanza li jiġu involuti esperti dwar l-iskart. Ġie ddubitat ukoll l-użu ta' att delegat biex jiġu emendati r-restrizzjonijiet fl-Anness I. L-Istati Membri ma qisux li huwa biżżejjed li jiġi introdott Artikolu ġdid li jipprevedi l-konsultazzjoni tal-Kumitat dwar l-iskart qabel ma l-Kummissjoni titlob lill-ECHA tħejji dossier skont l-Artikolu 71. Minflok, l-Istati Membri esprimew interess li jesploraw il-possibbiltà li jitħassar l-Artikolu 71 u li jirreferu għall-proċedura stabbilita ta' restrizzjoni għall-emendar tar-restrizzjonijiet fuq sustanzi perikolużi fir-Regolament REACH.

Il-Kummissjoni ġġustifikat il-ħtieġa li jiġu inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi fir-Regolament dwar il-Batteriji billi indikat il-fatt li r-Regolament REACH ma jkoprix l-iskart, u indikat ukoll l-ispeċifitàjiet tal-batteriji u l-għadd aktar limitat ta' sustanzi involuti. Hija ddefendiet ukoll il-ħtieġa għal proċedura robusta u aġli biex jiġu emendati r-restrizzjonijiet fuq sustanzi perikolużi, u indikat li l-Istati Membri, b'mod speċifiku l-esperti dwar l-iskart, jiġu kkonsultati qabel l-adozzjoni tal-att delegat, kif indikat fl-Artikolu 73(4).

Ġew espressi fehmiet differenti dwar ir-**rekwiżiti tal-impronta tal-karbonju (Artikolu 7, Anness II)** u l-ħinijiet proposti. Filwaqt li xi Stati Membri esprimew appoġġ għall-approċċ propost mill-Kummissjoni, diversi Stati Membri qajmu tħassib dwar l-impatti fuq l-industrija u ffavorixxew perijodi itwal għall-aġġustament għar-**rekwiżiti**, biex b'hekk jingħata biżżejjed żmien wara l-adozzjoni tal-metodoloġija tal-kalkolu.

Fir-rigward tal-**kontenut riċiklat (Artikolu 8)**, l-Istati Membri qiesu li huwa diffiċli li jivvalutaw l-impatt u l-fattibbiltà tal-miri minimi stabbiliti għall-kobalt, iċ-ċomb, il-litju jew in-nikil irkuprat qabel ma jadottaw metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tagħhom, meta titqies l-inċertezza dwar id-disponibbiltà ta' ammonti suffiċjenti ta' materjali riċiklati. Il-Kummissjoni spjegat l-approċċ gradwali propost u l-possibbiltà li jiġu riveduti l-miri permezz ta' leġislazzjoni sekondarja sabiex jinżamm il-kalendarju propost u b'hekk tiġi pprovduta ċ-ċertezza tas-suq. Xi Stati Membri appoġġaw perijodi itwal għall-aġġustament għar-**rekwiżiti** u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv tal-applikazzjoni tagħhom. Xi Stati Membri pproponew l-introduzzjoni ta' sistema ta' ċirkwit magħluq għall-kontenut riċiklat filwaqt li oħrajn esprimew riżervi minħabba l-implikazzjonijiet għall-fattibbiltà li jintlaħqu l-miri proposti.

Kien hemm appoġġ ġenerali għall-istabbiliment ta' **rekwiżiti ta' prestazzjoni u durabbiltà għall-batteriji portabbli (Artikolu 9 u Anness III)**, għalkemm ġew espressi fehmiet differenti dwar iż-żmien li għandhom bżonn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet biex jaġġustaw għalihom.

Fir-rigward tar-**rekwiżiti tal-prestazzjoni u d-durabbiltà għall-batteriji industrijali u l-batteriji elettriċi (Artikolu 10 u Anness IV)** l-Istati Membri esprimew dubji dwar il-kamp ta' applikazzjoni, jiġifieri l-esklużjoni ta' batteriji minn meżżi ta' trasport ħfief. Barra minn hekk, ġie propost li l-att delegat ma jkunx limitat għall-kriterji stabbiliti skont l-Anness IV iżda jkun jinkludi l-possibbiltà li jiġu riveduti r-**rekwiżiti**, jekk ikun meħtieġ. Il-Kummissjoni ċċarat l-interkonnessjonijiet bejn dawn id-dispożizzjonijiet u r-Regolamenti tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi u r-Regolamenti dwar is-Sikurezza tal-Batteriji.

Fir-rigward tal-**Possibbiltà li l-batteriji portabbli jinqalgħu u jiġu sostitwiti (Artikolu 11)**, xi Stati Membri esprimew tħassib dwar lakuni possibbli minħabba xi wħud mill-eżenzjonijiet previsti u qiesu li huwa importanti li tiġi stabbilita d-data ppjanata għall-adozzjoni tal-gwida sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni armonizzata tad-derogi.

L-Istati Membri esprimew dubji dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-**Artikolu 12 u l-Anness V dwar is-Sikurezza tas-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteryi stazzjonarji** u pproponew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza matul l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-batterija. L-Istati Membri pproponew ukoll li jissupplimentaw il-parametri tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness V. Il-Kummissjoni argumentat li l-kamp ta' applikazzjoni kien ibbażat fuq il-valutazzjoni tal-impatt u nnotat li l-parametri tas-sikurezza għall-batteriji tal-vetturi elettriċi (EV) kienu koperti mil-leġiżlazzjoni qafas tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi tal-UE u li s-sikurezza tal-ġbir tal-batteriji ġiet ittrattata fil-Kapitolu VII. Il-Kummissjoni ċċarat ukoll li s-sikurezza ta' batteriji portabbli ta' użu ġenerali hija koperta mid-Direttiva 2001/95/KE dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

L-Istati Membri appoġġaw għadd ta' bidliet ta' natura teknika proposti mill-Presidenza fid-dokument informali tagħha<sup>8</sup>.

### **Rekwiżiti ta' tikkettar u ta' informazzjoni (Kapitolu III)**

Kien hemm tħassib dwar il-fattibbiltà tal-iskadenzi proposti għad-dħul fis-seħħ tal-obbligi dwar it-**tikkettar tal-batteriji (Artikolu 13 u Anness VI)**, minħabba li kien previst perijodu ta' żmien qasir għall-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja. Xi Stati Membri esprimew dubji dwar ir-rilevanza tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-dawl tal-piż amministrattiv assoċjat, filwaqt li oħrajn ipproponew li tiġi inkluża informazzjoni addizzjonali, bħall-piż u l-kompożizzjoni kimika tal-batteriji. Il-Kummissjoni offriet li tippreżenta dokument komparattiv li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet differenti dwar l-informazzjoni li għandha tkun fuq it-tikketti, il-kodiċi QR u l-passaporti diġitali tal-batteriji. Il-Kummissjoni kkonfermat li n-nuqqas ta' referenza għall-merkurju fl-Artikolu 13(4), kien nuqqas li għandu jiġi rettifikat permezz ta' corrigendum. Fir-rigward tal-**Informazzjoni dwar l-istat tas-saħħa u tul tal-ħajja mistenni tal-batteriji (Artikolu 14 u Anness VII)** Stat Membru wieħed talab li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu jiġi estiż għall-batteriji ta' prodotti elettroniċi. Il-Kummissjoni ġġustifikat li tinkludi biss batteriji u batteriji industrijali għall-vetturi elettriċi, peress li dawn huma l-batteriji b'ħajja sekondarja potenzjali, li għalihom l-istat tas-saħħa huwa informazzjoni rilevanti.

---

<sup>8</sup> Dokument 4964/2021

## **Konformità tal-batteriji u Notifika tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità (Kapitolu IV u V)**

Diversi Stati Membri ppreżentaw riżervi ta' skrutinju dwar il-Kapitolu IV dwar il-Konformità tal-batteriji (Artikoli 15 sa 20 u Annessi VIII u IX) u dwar il-Kapitolu V dwar in-Notifika tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità (Artikoli 21 sa 37) filwaqt li mnotaw li l-konsultazzjonijiet interni kienu għadhom għaddejjin. Diversi Stati Membri kienu favur li l-mekkaniżmu previst skont l-**Ispesifikazzjonijiet komuni (Artikolu 16)** jintuża biss bħala alternattiva, f'każijiet eċċezzjonali jew dewmien estrem, u esprimew il-preferenza tagħhom li jiġu adottati standards armonizzati. Il-Kummissjoni kkonfermat l-intenzjoni tagħha li tirrikorri biss għall-proċedura f'każijiet eċċezzjonali meta n-nuqqas ta' standards jista' jpoġġi f'riskju l-implimentazzjoni tar-Regolament, jew b'mod temporanju. Fir-rigward tal-Kapitolu V, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza tad-dispożizzjonijiet biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti vverifikati minn entitajiet esterni, bħall-impronta tal-karbonju, il-kontenut riċiklat u d-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista.

## **Obbligi tal-operaturi ekonomiċi minbarra l-obbligi fil-Kapitolu VII (Kapitolu VI)**

L-Istati Membri ppreżentaw diversi mistoqsijiet ta' natura teknika. Id-diskussjonijiet iffukaw prinċipalment fuq l-Obbligi tar-rappreżentanti awtorizzati (Artikolu 40) bl-Istati Membri jqisu li huwa importanti li ssir distinzjoni bejn id-definizzjoni ta' rappreżentanti awtorizzati u dik użata fid-Direttiva WEE. Il-Kummissjoni nnutat li ma ġiet attribwita l-ebda kompetenza lir-rappreżentanti awtorizzati skont il-Kapitolu VII.

L-Artikolu 39 huwa indirizzat hawn taħt skont id-dispożizzjonijiet dwar id-diliġenza dovuta.

## **Immaniġġar ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji (Kapitolu VII)**

L-Istati Membri enfasizzaw l-importanza fundamentali ta' dan il-kapitolu. Il-kwistjonijiet ewlenin ta' tħassib kienu relatati mar-rabtiet ma' leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-iskart, jiġifieri d-Direttiva Qafas dwar l-iskart, u l-ħtieġa ta' flessibilità fir-rigward ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi eżistenti u li jiffunzjonaw tajjeb li diġà ġew implimentati fuq livell nazzjonali. Ġew espressi fehmiet differenti dwar il-livell ta' ambizzjoni tal-miri u l-iskadenzi għall-ġbir tal-iskart ta' batteriji portabbli. B'mod ġenerali, l-Istati Membri esprimew dubji dwar l-esklużjoni ta' batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief mill-miri tal-ġbir. Intalbet aktar kjarifika dwar id-dispożizzjonijiet rigward l-adattament ta' skop differenti u l-manifattura mill-ġdid tal-batteriji. Barra minn hekk, l-Istati Membri pprovdew feedback ulterjuri dwar għadd ta' kwistjonijiet ta' natura teknika identifikati fid-dokument informali tal-Presidenza.

Rigward ir-**Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (Artikolu 47)** l-Istati Membri esprimew dubji dwar il-ħtieġa li jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi minbarra r-rekwiżiti definiti fl-Artikoli 8 u 8a tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD). Huma qiesu l-approċċ tar-Regolament preskrittiv wisq, u talbu flessibbiltà għall-ispeċifitàjiet tad-diversi skemi li diġà qed joperaw u jiffunzjonaw tajjeb fil-livell nazzjonali. Dan tqies ukoll bħala kuntrarju għall-objettiv tad-WFD li jiġu armonizzati l-iskemi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur fi flussi differenti ta' skart. Xi Stati Membri esprimew interess li fir-Regolament jiġu inklużi dispożizzjonijiet li jkunu komplementari għad-WFD. Ġie ssuġġerit ukoll li tiġi esplorata l-possibbiltà li r-Regolament jistabilixxi rekwiżiti minimi u li jipprovi lill-Istati Membri l-possibbiltà li jistabilixxu dispożizzjonijiet komplementari. L-istess tħassib tqajjem rigward ir-**Reġistru tal-Produtturi (l-Artikolu 46)** bl-Istati Membri jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu akkomodati is-sistemi ta' reġistrazzjoni diġà fis-seħħ fil-livell nazzjonali mal-ispeċifitàjiet tagħhom. Il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza li jiġu stabbiliti regoli komuni fl-Istati Membri kollha sabiex tiġi promossa ċ-ċirkolarità tal-batteriji.

Rigward il-**ġbir tal-iskart ta' batteriji portabbli (Artikoli 48, 55 u Anness XI)**, kien hemm fehmiet differenti espressi, b'xi Stati Membri jikkunsidraw l-iskadenzi ambizzjużi wisq, xi wħud jappoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni u oħrajn jesprimu flessibbiltà fir-rigward tal-possibbiltà ta' estensjoni tal-iskadenza intermedja. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet in-natura ambizzjuża tal-miri proposti, iżda qieset li dawn jistgħu jinkisbu abbażi tal-esperjenzi u l-valuri diġà rrapportati f'xi Stati Membri. Xi Stati Membri esprimew dubji dwar il-metodoloġija tal-kalkolu għar-rati ta' ġbir ibbażati fuq batteriji disponibbli fis-suq, billi esprimew appoġġ għal metodoloġija bbażata fuq batteriji disponibbli għall-ġbir, sabiex jittieħed kont tat-tul ta' ħajja dejjem itwal ta' batteriji portabbli. Xi Stati Membri qiesu wkoll problematiku d-duplikazzjoni tal-obbligi kemm għall-produtturi kif ukoll għall-Istati Membri fir-rigward tat-twettiq tal-ġbir tal-iskart ta' batteriji u enfasizzaw l-importanza li r-responsabbiltà biex jintlaħqu dawn il-miri tiġi stabbilita b'mod ċar, meta jitqies li l-istrument legali huwa Regolament. Ġie propost li jitħassar l-Artikolu 55, peress li ġie kkunsidrat li l-produtturi għandhom ikunu responsabbli li jilħqu dawn il-miri. Il-Kummissjoni opponiet dak it-tħassir, b'kont meħud tal-obbligu għall-Istati Membri meħtieġ biex tiġi żgurata l-infurzabbiltà tal-miri ta' ġbir.

Għadd ta' Stati Membri kkontestaw l-esklużjoni tal-iskart ta' batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief mill-miri tal-ġbir. Il-Kummissjoni tenniet li studju tal-JRC dwar is-suġġett għandu jiġi ffinalizzat matul il-proċess leġiżlattiv, li jista' jkun bażi għal aktar konsiderazzjoni bil-ħsieb li tiġi stabbilita mira tal-ġbir għal dawn il-batteriji.

Rigward il-**ġbir tal-iskart tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji industrijali u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi (Artikolu 49)** xi Stati Membri talbu l-inklużjoni ta' mira espliċita tal-ġbir, jew il-possibbiltà li l-Istati Membri jiddeċiedu dwar l-introduzzjoni ta' mira tal-ġbir fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni qieset li mira espliċita għal dawn it-tipi ta' batteriji ma tistax tkun inqas minn 100 %.

Inġataw feedback dwar għadd ta' kwistjonijiet ta' natura teknika għall-kjarifika rigward l-**obbligi tad-distributuri (Artikolu 50), l-obbligi tal-utenti finali (Artikolu 51), l-obbligi tal-faċilitajiet għat-trattament (Artikolu 52), il-parteciġazzjoni tal-awtoritajiet tal-immaniġġar tal-iskart pubbliku (Artikolu 53) u l-parteciġazzjoni tal-punti tal-ġbir volontarji (Artikolu 54)**. Xi Stati Membri qiesu li l-batteriji miġbura għandhom jingħataw biss lill-produtturi jew lill-organizzazzjonijiet ta' responsabbiltà tal-produtturi sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-iskemi tal-EPR. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza tal-ftuħ tas-suq tar-riċiklaġġ għal operaturi ġodda, sabiex dan jikkontribwixxi għal żieda fil-ġbir tal-batteriji. L-Istati Membri enfasizzaw ukoll id-diffikultà li jiġi infurzat l-obbligu tas-separazzjoni tal-iskart ta' batteriji mill-konsumaturi.

Fir-rigward tat-**Trattament u r-riċiklaġġ (Artikolu 56 u Anness XII)**, l-Istati Membri ppreżentaw diversi proposti biex jikkomplementaw il-Parti A tal-Anness XII rigward prekawzjonijiet speċifiċi u miżuri ta' sikurezza għall-ħżin u t-trattament tal-iskart ta' batteriji bbażati fuq il-litju waqt il-ġestjoni, is-separazzjoni u l-ħżin.

Meta ddiskutew l-**Effiċjenzi tar-riċiklaġġ u miri tal-irkupru tal-materjal (Artikolu 57 u Anness XII)**, l-Istati Membri enfasizzaw ir-rabtiet mad-dispożizzjonijiet dwar l-adattament ta' skop differenti u l-manifattura mill-ġdid u qiesu li kien meħtieġ li jkun hemm definizzjoni ċara ta' meta batterija titqies li tidħol fi proċess ta' riċiklaġġ. Diversi Stati Membri kkontestaw il-fatt li l-miri diġà ġew stabbiliti peress li l-metodoloġija tal-kalkolu tagħhom ser tiġi definita biss aktar tard u ġie propost li fir-Regolament jiġu inklużi l-prinċipji li għandhom jiggwidaw il-metodoloġija. Barra minn hekk, l-Istati Membri qiesu li l-miri ta' riċiklaġġ għall-2025 għandhom ikunu kondizzjonali fuq l-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-kalkolu tagħhom sal-iskadenza pplanata. Ġie propost ukoll li jiġi permess ir-rimi ta' ċerti batteriji li ma għandhomx jiġu riċiklati (eż. batteriji li fihom il-merkurju).

L-Istati Membri indikaw il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet **dwar Vjeġġi tal-iskart tal-batteriji (Artikolu 58)** fid-dawl tar-reviżjoni mistennija tar-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart. Ġie propost li tizzied referenza għall-batteriji esportati għal adattament ta' skop differenti u l-manifattura mill-ġdid.

**Ir-rekwiżiti relatati mal-adattament għal skop differenti u l-manifattura mill-ġdid tal-batteriji industrijali u l-batteriji tal-vetturi elettriċi (Artikolu 59 u Anness VII)** tqiesu ta' importanza partikolari. L-Istati Membri insistew fuq il-ħtieġa li tiġi ċċarata n-natura ta' dawn l-operazzjonijiet, il-proċeduri ta' reġistrazzjoni jew ta' liċenzjar li l-operaturi għandhom isegwu, il-mument tal-applikazzjoni tat-tmim tal-istatus tal-iskart, u talbu l-introduzzjoni ta' definizzjoni ta' "manifattura mill-ġdid". L-Istati Membri esprimew appoġġ għall-qafas imressaq fil-proposta, bħall-ħtieġa ta' adattament ta' skop differenti u l-manifattura mill-ġdid tal-batteriji biex jintlaħqu r-rekwiżiti applikabbli kollha u nnotaw li kien essenzjali li l-EPR għall-batteriji soġġetti għal dawn l-operazzjonijiet tiġi assenjata b'mod ċar. Id-WPE huwa mistenni jiddiskuti aktar il-kwistjoni abbażi tad-dokument informali li l-Kummissjoni għandha tħejji.

L-Istati Membri qiesu li l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni fost l-utenti finali għandhom isiru obligatorji fl-ambitu tal-**Informazzjoni dwar tmim il-ħajja (Artikolu 60)**. Xi Stati Membri esprimew tħassib dwar it-"tariffa viżibbli" li turi l-ispejjeż koperti mill-produttur b'mod separat lill-utent finali fil-punt tal-bejgħ ta' batterija ġdida u pproponew li titħassar dik id-dispożizzjoni.

Fir-rigward **tar-Rapportar lill-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 61)** u **r-Rapportar lill-Kummissjoni (Artikolu 62)**, l-Istati Membri qajmu diversi mistoqsijiet, fosthom dwar il-fattibbiltà u r-responsabbiltà tar-rapportar dwar batteriji portabbli li jkunu telqu mit-territorju ta' Stat Membru fis-sena sussegwenti u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tal-immaniġġar tal-iskart li jseħħu fi Stat Membru ieħor. B'mod partikolari tqajmu mistoqsijiet dwar l-applikabbiltà tal-obbligu li l-Istat Membru jirrapporta dwar l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u l-irkupru tal-materjal minn batteriji miġbura fit-territorju tagħhom għall-Istati Membri li ma għandhomx installazzjonijiet għar-riċiklaġġ tal-batteriji. Il-Kummissjoni ċċarat li hija segwiet l-obbligi ta' rapportar attwali (id-Deċiżjoni 2008/763/KE) iżda rrikonoxxiet il-kumplessità tal-kwistjoni u l-ħtieġa possibbli li jissaħħu d-dispożizzjonijiet sabiex jiġi ggarantit li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiżguraw it-twertiq tal-obbligu mill-ewwel operatur tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ. Ġie espress ukoll tħassib dwar l-iskadenzi għat-twertiq tal-obbligi ta' rapportar.

Fl-aħħar nett, rigward **l-Applikazzjoni tal-Kapitolu VII (Artikolu 63)** xi Stati Membri talbu li tiġi posposta d-data tal-applikazzjoni tal-Kapitolu VII. Il-Kummissjoni tenfasizza l-implikazzjonijiet ta' tali posponiment għal diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament.

Minbarra l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq, l-Istati Membri appoġġaw għadd ta' bidliet ta' natura teknika proposti mill-Presidenza fid-dokument informali tagħha<sup>9</sup>.

### **Skambju elettroniku tal-informazzjoni (Kapitolu VIII)**

B'mod ġenerali, l-Istati Membri laqgħu l-kapitolu. Ir-reazzjonijiet tal-Istati Membri ffukaw l-aktar fuq talbiet ta' kjarifika rigward l-artikolazzjoni bejn is-**Sistema ta' skambju elettroniku (Artikolu 64 u Anness XIII) u l-Passaport tal-batteriji (Artikolu 65)** fil-konfront ta' obbligi oħra ta' rapportar u informazzjoni stabbiliti fil-Kapitoli III u VII. Il-Kummissjoni ċċarat li filwaqt li s-sistema ta' skambju elettroniku ser tirreferi għall-mudell tal-batterija, il-passaport tal-batterija ser ikun reġistru speċifiku għal kull batterija, li jkun fih sett ta' informazzjoni dinamika minbarra dik prevista fl-Anness XIII. Il-Kummissjoni ser taqsam informazzjoni addizzjonali dwar l-interazzjoni tad-diversi dispożizzjonijiet. Kwistjonijiet oħra ta' tħassib relatati mal-aċċess għall-informazzjoni miġbura (b'mod partikolari mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi u l-operaturi li jwettqu attivitajiet ta' tiswija, adattament ta' skop ġdid jew manifattura mill-ġdid u minn xerrejja potenzjali) kif ukoll it-trasferiment tar-responsabbiltà għall-passaport skont il-bidla fl-istatus tal-batterija.

### **Sorveljanza tas-suq tal-Unjoni, il-kontroll tal-batteriji li jidħlu fis-suq tal-Unjoni u l-proċeduri ta' salvagwardja tal-Unjoni (Kapitolu IX) u Emendi (Kapitolu XII)**

Xi Stati Membri ppreżentaw riżervi ta' skrutinju dwar il-kapitolu. L-interventi mill-Istati Membri kienu minimi u kienu jikkonsistu minn talbiet ta' kjarifika u minn proposti ffukati ħafna. Il-Kummissjoni enfasizzat l-allinjament tad-dispożizzjonijiet mal-qafas leġiżlattiv "il-ġdid" għall-prodotti (QLĠ). Ser tkun meħtieġa aktar konsiderazzjoni tal-kapitolu sabiex jiġu vvalutati kwistjonijiet potenzjali ta' tħassib.

### **Akkwist pubbliku ekoloġiku (Artikolu 70)**

L-Istati Membri laqgħu b'mod ġenerali l-inklużjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku ekoloġiku fir-Regolament. Madankollu tqajmu mistoqsijiet fir-rigward tat-twettiq tal-obbligi previsti fl-Artikolu qabel l-adozzjoni tal-atti delegati li jstabbilixxu kriterji jew miri minimi obligatorji għall-akkwist pubbliku ekoloġiku. Il-Kummissjoni innotat li l-Istati Membri jistgħu jsegwu l-ħtiġiet stabbiliti taħt l-Artikoli 7 sa 10.

---

<sup>9</sup> Dokument 5372/2021

## **Diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista (Artikolu 39, Artikolu 72 u Anness X)**

L-Istati Membri rrikonoxxew l-importanza tal-kwistjoni, iżda esprimew dubji dwar ir-rabtiet mal-proposta leġiżlattiva li jmiss dwar il-governanza korporattiva sostenibbli u d-diliġenza dovuta. L-Istati Membri esprimew ukoll tħassib dwar il-piż amministrattiv assoċjat, speċjalment għall-SMEs, u l-infurzabbiltà u l-verifika tal-ktajjen tal-valur f'pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-proċeduri amministrattivi meħtieġa għall-verifika iżda nnotat li, skont il-valutazzjoni tal-impatt, kien mistenni li l-kumpanniji l-kbar biss ser ikunu fil-mira tad-dispożizzjonijiet. Hija enfasizzat ukoll ir-referenza fil-premessa 70 għall-adattament possibbli tar-Regolament fid-dawl ta' emendi leġiżlattivi futuri.

Fid-diskussjoni tal-Artikolu 4 dwar Rekwiżiti ta' sostenibbiltà, sikurezza, tikkettar u informazzjoni għall-batteriji, il-Kummissjoni ċċarat li d-dispożizzjonijiet dwar id-diliġenza dovuta ma ġewx inklużi taħt dan l-Artikolu peress li mhumiex strettament rekwiżiti tal-prodott, iżda obbligi għall-operaturi ekonomiċi.

## **Setgħat delegati u proċedura tal-kumitat (Kapitolu XI)**

L-atti delegati previsti fl-Artikolu 73 ġew diskussi matul l-analiżi tal-Artikoli rilevanti. L-Istati Membri qajmu riżervi rigward xi wħud mill-atti delegati, speċifikament fil-kuntest tal-Kapitolu II, u f'xi każijiet il-Presidenza pproponiet li tirvedi d-delega tas-setgħat. B'mod ġenerali, l-Istati Membri esprimew tħassib konsiderevoli rigward l-iskadenzi proposti għall-adozzjoni ta' diversi atti delegati u ta' implimentazzjoni u d-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet assoċjati.

## **Dispożizzjonijiet finali (Kapitolu XIII)**

L-Istati Membri jiddubitaw l-interazzjoni bejn ir-regoli ta' revoka u tranżizzjonali tad-Direttiva attwali dwar il-Batteriji, ir-rekwiżiti tal-EPR stabbiliti skont id-WFD u r-Regolament propost.

Id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (Jannar 2022) tqieset mhux realistika, b'mod partikolari meta wieħed iqis il-kumplessità tan-negożjati dwar ir-Regolament, u l-Istati Membri talbu l-posponiment tagħha.

## **IV. KONKLUŻJONI**

Skont l-ippjanar attwali tal-Presidenza Portugiża, id- WPE ser ikun iddedika 21 vidjokonferenza informali għar-Regolament dwar il-Batteriji sal-aħħar ta' Ġunju.

Il-Presidenza tqis li l-analiżi bir-reqqa tal-proposta pprovdiet kjarifika dwar il-firxa sħiħa tagħha u għamlitha possibbli li jiġu identifikati l-kwistjonijiet ewlenin ta' tħassib għall-Istati Membri, u b'hekk ippermettiet li tiġi ssimplifikata l-ħidma futura meħtieġa għall-adozzjoni ta' approċċ ġenerali.

Abbażi tad-diskussjonijiet li saru sa issa, mingħajr preġudizzju għall-ħidma ulterjuri meħtieġa dwar il-kwistjonijiet deskritti taħt it-taqsimha III, il-Presidenza tidentifika l-kwistjonijiet prinċipali li ġejjin li jeħtieġu aktar ħidma, minn perspettiva politika u dik legali:

- Il-bażi legali
- L-approċċ li għandu jiġi segwit fir-rigward tal-batteriji ta' mezzi ta' trasport ħfief
- Il-proċedura biex jiġu emendati r-restrizzjonijiet dwar is-sustanzi perikolużi
- L-iskadenzi proposti għar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza, assoċjati mal-ħidma estensiva meħtieġa fir-rigward tal-leġiżlazzjoni sekondarja
- L-artikolazzjoni mal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-iskart u l-livell ta' flessibbiltà għall-Istati Membri fir-rigward tar-responsabbiltà estiżva tal-produttur għall-batteriji
- Il-livell ta' ambizzjoni tal-miri tal-ġbir
- Id-dispożizzjonijiet dwar id-diliġenza dovuta fid-dawl tal-proposta leġiżlattiva li jmiss dwar il-governanza korporattiva sostenibbli u d-diliġenza dovuta

Il-Presidenza Portugiża hija impenjata li taħdem mill-qrib mal-Presidenza Slovena li jmiss sabiex tiġi ffaċilitata l-kontinwazzjoni tad-diskussjonijiet fid-WPE u biex jiġi żgurat il-progress bla xkiel dwar il-fajl fil-Kunsill. Għal dak il-għan, il-Presidenza biħsiebha taħdem lejn proposta ta' kompromess għall-Kapitolu II u l-Kapitolu VII sa tmiem is-semestru.

Il-Presidenza hija sinċerament grata lejn il-Kummissjoni għall-kooperazzjoni eċċellenti tagħha mad-WPE u għall-ispejgazzjonijiet dettaljati u d-dokumenti informali pprovduti, kif ukoll għall-Istati Membri għall-impenn u l-kontributi siewja tagħhom matul il-laqgħat ta' kull ġimgħa u l-kummenti estensivi addizzjonali bil-miktub ippreżentati.

Il-COREPER huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress mill-Presidenza, bil-ħsieb li jippreżentah lill-Kunsill Ambjent fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2021.